MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2014

Numru. 329/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Joseph Anthony Cini**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Anthony Cini ta' 37 sena, imwieled Pieta` fit-28 ta' Dicembru 1969, iben John u Carmen xebba Zammit, residenti numru 26, Triq it-Tramuntana, Valletta u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 18570(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-14 ta' Settembru 2007 u fit-tlett xhur ta' qabel:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini

Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta’ Mejju 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga’ tisma’ l-provi mressqa f’din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta;

Rat illi fis-seduta tal-20 ta’ Novembru 2013, l-imputat irregistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kollha kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi minkejja li l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proceduri ma kinitx wahda bikrija, huwa kkopera bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, tant illi fis-seduti tal-21 ta' Mejju 2010 u tal-20 ta' Novembru 2013 rispettivament[1], l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta mix-xhieda tal-**Ispettur Victor Aquilina**[2] illi l-imputat ghamel *controlled delivery*, bis-sahha ta' liema l-pulizija waslet ghat-terza persuna li kienet tforni lill-istess imputat bl-eroina. In oltre l-istess imputat irrilaxxja wkoll stqarrija guramentata fil-konfront tal-istess terz[3]. Ghaldaqstant, il-Qorti jidhrilha illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta fil-massimu tieghu.

Qieset ukoll illi fil-jum mertu tal-imputazzjoni odjerna, l-imputat instab fil-pussess ta' *inter alia* disat iqratas eroina, oltre borza tal-*plastic* ukoll bid-droga eroina. Jirrizulta skond il-konkluzjonijiet tal-espert forensiku x-Xjenzat Godwin Sammut, illi l-piz totali tat-trab hekk misjub kien ta' 4.83 grammi u l-purita` ghad-droga eroina kien ta' cirka 18%.[4]

[1] A fol. 9 u 62 tal-process
[2] A fol. 18 *et seq* tal-process.
[3] Il-process verbal dwar din l-istqarrija guramentata jinsab esebit a fol. 42 tal-process.
[4] Ir-relazzjoni tal-espert imsemmi tinsab esebita a fol. 15 *et seq* tal-process verbal, esebit a fol. 12 tal-process.

Ikkunsidrat ukoll illi mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat[5], liema stqarrija giet guramentata minnu[6] kif inghad izjed il'fuq, jirrizulta illi ftit qabel ma gie arrestat, ossia fl-14 ta' Settembru 2007, huwa biegh qartas ta' Lm5 lil terza persuna. Skond hu, l-eroina fil-borza tal-*plastic* il-kbira kienet tieghu, ghaliex huwa kien jabbuza mill-istess droga, fil-waqt illi l-qratas kienu lesti ghal bejgh. Huwa qal ukoll illi kien ilu jbiegh id-droga eroina ghal tlett xhur bil-prezz ta' Lm5 il-qartas u li ghalkemm xtaq jieqaf milli jkompli jbiegh, huwa ma setax ghaliex il-fornitur tieghu nsista li huwa jkompli jhallas id-dejn li kellu mal-istess fornitur. L-akbar ammont ta' eroina li kien jixtri kien ta' hames grammi, ghal-liema huwa kien ihallas il-prezz ta' Lm200.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-*Pre-Sentencing Report* redatt mill-Ufficjal tal-*Probation*, **Marilyn Formosa**.[7] Mill-istess rapport, jirrizulta illi l-imputat ilu jabbuza mid-droga – ghall-ewwel mill-*cannabis* u sussegwentement mill-eroina – minn meta kellu madwar tmintax-il sena u li ilu jattendi s-*Substance Misuse Outpatient Unit* mis-sena 1996, mil-liema zmien huwa dejjem kien jiehu l-*methadone*. Skond it-Tabib fi hdan l-istess *Unit*, il-progress tal-imputat kien wiehed inkonsistenti, fejn huwa gieli kien tajjeb u gieli kien hazin u l-appuntamenti tieghu ma kinux regolari, ghalkemm dejjem mar ghall-*methadone.* Il-*keyworker* tieghu fi hdan l-Agenzija Caritas jghid li l-imputat ghamel kuntatt mal-Agenzija ghall-ewwel darba f'Jannar tas-sena 2012. Huwa dejjem kien konsistenti u attenda ghall-appuntamenti moghtija lilu, izda wara li sar hafna xoghol sabiex l-imputat jidhol fil-programm residenzjali ta' San Blas u kien hemm anke diversi dati allokati biex huwa jidhol, dan qatt ma sehh u dan wassal lill-*keyworker* sabiex jiddubita kemm l-imputat verament ried jaghmel dan il-programm. Fis-sentejn li huwa dam f'kuntatt mal-Agenzija, bi skuza jew ohra, l-imputat qatt ma halla kampjuni tal-urina, tant li l-*keyworker* iddubita kemm kien minnu dak li kien isostni l-imputat illi ma kienx qieghed jaghmel uzu minn sustanzi illeciti. Oht l-imputat ukoll indikat illi l-atitudni tal-imputat kienet turiha li m'hemmx motivazzjoni min-naha tieghu biex jieqaf jaghmel uzu mid-droga. Skond l-istess rapport, test tal-urina li sar gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin f'Dicembru 2013, irrizulta pozittiv ghall-eroina, fil-waqt illi

[5] A fol. 15 *et seq* tal-process.
[6] Ara il-process verbal a fol. 42 tal-process.
[7] Esebit a fol. 68 *et seq* tal-process.

tlett testijiet ohra li ttiehdu f'Jannar 2014, irrizultaw fin-negattiv ghall-uzu tal-kannabis, kokaina u eroina. Fix-xhieda taghha tal-15 ta' Mejju 2013, **Jean Cali`**, in rapprezentanza tal-Agenzija Caritas, indikat illi l-imputat kien ghadu bil-vizzju tad-droga, izda li kienu qeghdin isiru arrangamenti sabiex huwa jiddahhal fi programm residenzjali.

Qieset ukoll ir-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-*Probation* fis-sens illi hemm il-htiega li l-imputat jindirizza l-problema li ghandu u li l-istess imputat ghandu jaghmel dan fil-waqt li jkun qieghed jiskonta s-sentenza karcerarja li ser jinghata permezz ta' din is-sentenza.

Minn dan kollu, jidher illi l-imputat kien u ghadu mdawwar b'nies li lesti li jaghtuh l-ghajnuna sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga, izda sfortunatament, ghalkemm kien huwa stess li fittex din l-ghajnuna, huwa ma wriex dik il-motivazzjoni sabiex joqghod il-boghod mid-droga u jfittex li juzufruwixxi mill-opportunitajiet li kien qieghed jinghata biex jehles minn dan il-vizzju. Il-Qorti tispera illi l-imputat jaghraf juza s-sentenza li qeghda hawn tinghatalu sabiex jiftah ghajnejh darba ghal dejjem li d-droga m'hija ser twasslu mkien f'hajtu u jiehu l-opportunita` li jidhol fi programm residenzjali meta dan isir possibbli.

Il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat li fiz-zmien tar-reati in kwistjoni, kienet tikkonsisti *inter alia* f'kundanni dwar reati kontravvenzjonali, kundanna dwar pussess aggravat ta' droga eroina ghal ghaxar xhur prigunerija u multa, reati li jinvolvu ksur tar-regolamenti tat-traffiku u ksur ta' legislazzjoni sussidjarja taht il-Kap. 449 tal-Ligijiet ta' Malta. Sussegwentement u kif jirrizulta mill-fedina penali aggornata tal-imputat, f'Mejju 2013, huwa tqieghed taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien sentejn dwar pusssess illegali tad-droga eroina u dan b'referenza ghal Gunju 2012 u x-xhur ta' qabel din id-data.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fir-rigward tal-imputazzjonijiet (b) u (c), fis-sens illi r-reati ikkontemplati f’dawn l-imputazzjonijijiet gew meqjusa bhala mezz ghal fini sabiex seta’ jigi mwettaq ir-reat fl-imputazzjoni (a).

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta’ **hdax-il (11) xahar prigunerija effettiva** u **multa ta’ disa’ mitt Euro (€900)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50). L-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatriet tal-esperti nominati fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta relevanti ghal dan il-kaz, u cioe` l-ispejjez relatati mar-relazzjoni ta’ PS 198 Arthur Debattista, ammontanti ghas-somma ta’ tlettax-il Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm13.50), ekwivalenti ghas-somma ta’ wiehed u tletin Euro, hamsa u erbghin centezmu (Eur 31.45) u l-ispejjez relatati mar-relazjoni tal-espert forensiku, ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta’ mitejn u tmenin Euro u disgha u erbghin centezmu (€280.49), b’kollox ammontanti ghas-somma ta’ tlett mija u hdax-il Euro u erbgha u disghin centezmu (€311.94). Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien sena mil-lum, b’dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-

zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga li tinsab esebita fl-atti tal-process verbal numru 88/08 redatt mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

In oltre il-Qorti tirrileva u tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs dwar il-fatt illi huwa ferm importanti illi l-hati jinghata l-kura u l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga u illi kemm il-darba dan ikun possibbli, huwa jiskonta l-piena jew parti mill-piena karcerarja moghtija permezz ta' din is-sentenza gewwa programm residenzjali fi hdan wahda mill-Agenziji li joffru servizz ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti qed tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------